Strengthening Employer Response to Gender Based Violence

THE MALTA CHAMBER

# Linji Gwida għas-Settur Privat biex Jindirizzaw il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru

Din il-pubblikazzjoni ġiet iffinanzjata mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika permezz tal-programm Together We Empower.

Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi f'din il-pubblikazzjoni huma dawk tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu l-politika jew il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika.

STOP VIOLENCE

# Introduzzjoni

Dawn il-linji gwida huma mfassla għas-settur privat bħala parti mill-inizjattiva tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta, "Strengthening Employer Responses to Digital GBV." Din l-inizjattiva hija ffinanzjata mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika permezz tal-programm 'Together We Empower – A Future without Violence'. Il-proġett jindirizza t-theddida dejjem tikber tal-vjolenza diġitali abbażi tal-ġeneru, inkluż l-abbuż permezz ta' deepfakes, fuq il-forza tax-xogħol f'Malta. Il-Fondazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta tmexxi din l-inizjattiva, filwaqt li tħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn min iħaddem, il-Gvern u s-soċjetà ċivili biex tingħata rispons komprensiv li jinvolvi lis-soċjetà kollha. Permezz ta' djalogu strutturat, gwida prattika u kampanji mmirati ta' sensibilizzazzjoni, l-inizjattiva tagħti lill-kumpaniji l-għodod meħtieġa biex jappoġġjaw lill-impjegati milquta mill-vjolenza online, isaħħu s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u javvanzaw l-isforzi nazzjonali fil-ġlieda kontra l-abbuż diġitali. Billi jindirizzaw b'mod proattiv il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, in-negozji jistgħu jtejbu l-produttività, inaqqsu r-riskji legali u reputazzjonali, u jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex jattiraw u jżommu persunal b'talent.

Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza domestika, l-attakk sesswali, l-istalking u forom oħra ta' abbuż, għandha impatt profond u fit-tul fuq il-vittmi. Irrispettivament minn fejn isseħħ, tali vjolenza taffettwa b'mod sinifikanti l-post tax-xogħol. L-għarfien akbar dwar din il-kwistjoni tenfasizza l-ħtieġa għal interventi proattivi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-impjegati u jitnaqqas l-impatt ekonomiku tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Din il-problema tista' testendi ruħha fil-post tax-xogħol, u twassal għal theddid jew inċidenti b'konsegwenzi serji. Meta tiġi esperjenzata barra mill-post tax-xogħol, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tista' twassal għal tnaqqis fil-produttività permezz ta' żieda fl-assenteiżmu, tibdil fil-persunal u riżenji. Il-persuni li jwettqu l-abbuż jistgħu jinterferixxu mar-responsabbiltajiet professjonali tal-vittmi permezz tal-istalking, komunikazzjoni persistenti, jew billi jfixklu servizzi essenzjali bħat-trasport u l-kura tat-tfal. Din il-vjolenza tikkontribwixxi wkoll għal spejjeż ogħla relatati mas-saħħa minħabba żieda fil-ħtieġa ta' kura medika u assenzi, li ħafna drabi jkunu aggravati mis-sens ta' mistħija. Barra minn hekk, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru taggrava l-inugwaljanzi globali u ssaħħaħ sterjotipi dannużi dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

# Tipi ta' Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru kontra n-Nisa u l-Bniet

Il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jseħħ kuljum madwar id-dinja. Din għandha effetti serju fuq il-livell fiżiku, ekonomiku u psikoloġiku li jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. L-impatt tagħha huwa estensiv u jaffettwa lill-individwi, lill-familji u lis-soċjetà kollha. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tagħmel ħsara lin-nisa minħabba l-ġeneru tagħhom, inkluż ħsara fiżika, mentali jew sesswali, theddid, koerċizzjoni u restrizzjonijiet fuq il-libertà. L-għeruq tagħha jinsabu fid-diskriminazzjoni u fl-iżbilanċ tal-poter bejn l-irġiel u n-nisa.



## Vjolenza minn Sieħeb

Dan it-terminu jiddeskrivi mġiba minn sieħeb jew eks-sieħeb li tikkawża ħsara fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika. Din tinkludi aggressjoni fiżika, koerċizzjoni sesswali, manipulazzjoni emozzjonali u kontroll finanzjarju. Bħala forma komuni ta' vjolenza domestika, tirrifletti mudelli kontinwi ta' kontroll u abbuż fi ħdan relazzjonijiet privati.

## Vjolenza Sesswali

Il-vjolenza sesswali tinkludi kwalunkwe att sesswali mhux mixtieq li jsir mingħajr kunsens, inklużi fastidju sesswali, attakk sesswali, stupru u sfruttament sesswali. Din tista' tinvolvi mġiba verbali, fiżika jew diġitali. Eżempji jinkludu stupru, stupru "korrettiv", sfruttament marbut mat-traffikar tal-bnedmin, u abbuż waqt kunflitti armati. Dan it-tip ta' vjolenza ħafna drabi jisfrutta l-vulnerabbiltà, l-iżbilanċi fil-poter jew il-koerċizzjoni.

## Femiċidju

Il-femiċidju jirreferi għall-qtil intenzjonat ta' nisa jew bniet minħabba l-ġeneru tagħhom. Dan jirrappreżenta l-aktar forma severa ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u spiss iseħħ wara perjodi ta' abbuż preċedenti. Jista' jseħħ kemm f'ambjenti domestiċi kif ukoll pubbliċi, bħall-hekk imsejjaħ "qtil f'isem l-unur", li huwa bbażat fuq fehmiet diskriminatorji dwar ir-rwol u l-imġiba tan-nisa.

## Traffikar tal-Bnedmin

It-traffikar tal-bnedmin jiġġenera profitt mill-isfruttament tal-individwi permezz ta' koerċizzjoni, manipulazzjoni jew forza. In-nisa u l-bniet huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament sesswali. Il-vittmi ħafna drabi jġarrbu abbuż, telf tal-libertà u jkunu kkontrollati permezz ta' theddid jew il-konfiska tad-dokumenti tagħhom.

## Prattiki Dannużi

Dawn huma prattiki msejsa fuq tradizzjonijiet kulturali li jiksru d-drittijiet tan-nisa, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM) u ż-żwieġ tat-tfal jew żwieġ sfurzat. L-FGM tikkawża ħsara serja fiżika u psikoloġika, filwaqt li ż-żwieġ tat-tfal inaqqas l-opportunitajiet edukattivi u jżid ir-riskji għas-saħħa, u b'hekk isaħħaħ l-inugwaljanza bejn il-ġeneri.

## Rikatt Sesswali (Abbuż ta' Awtorità)

Din il-prattika tirreferi għal imġiba fejn ir-rifjut jew l-aċċettazzjoni minn impjegat ta' mġiba sesswali mhux mixtieqa tintuża bħala bażi għal deċiżjonijiet relatati mal-impjieg, bħar-reklutaġġ, il-kontinwazzjoni tal-impjieg, it-taħriġ, is-salarju jew il-promozzjonijiet. Din tinvolvi abbuż ta' awtorità minħabba li persuna biss li għandha poter dirett jew indirett ta' superviżjoni jew maniġment tista' thedded jew tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-impjegat li jkun qed jiġi ffastidjat.



## Vjolenza Online jew Iffaċilitata mit-Teknoloġija

Din tkopri dannu li jsir permezz ta' għodod diġitali, inklużi cyberbullying, doxing, u l-kondiviżjoni ta' immaġnijiet mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata. Din mhux biss tintensifika forom eżistenti ta' abbuż iżda toħloq ukoll perikli ġodda, bħall-manipulazzjoni ta' immaġnijiet permezz tal-intelliġenza artifiċjali (AI). In-nisa li jokkupaw rwoli pubbliċi huma partikolarment esposti għal riskji għoljin.

**Eżempji ta' vjolenza diġitali abbażi tal-ġeneru (GBV online) jinkludu:**

- vjolenza jew abbuż;
- theddid ta' vjolenza;
- diskriminazzjoni;
- fastidju online;
- qsim ta' immaġnijiet sesswali jew privati mingħajr kunsens;
- trolling;
- doxing, jiġifieri l-iżvelar online ta' dokumenti personali, informazzjoni identifikattiva jew dettalji privati mingħajr kunsens.

## Stalking

Eżempji ta' mġiba ta' stalking jinkludu tentattivi persistenti biex jiġi kkuntattjat impjegat permezz tal-email, tat-telefon, tal-midja soċjali jew permezz ta' terza persuna; is-segwitu, l-osservazzjoni jew it-teħid ta' ritratti ta' persuna; kif ukoll il-bgħit ripetut ta' messaġġi jew oġġetti li jkunu eċċessivament personali, malizzjużi jew ta' theddid.

# L-Identifikazzjoni tal-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru fuq il-Post tax-Xogħol

L-iżvelar ta' esperjenzi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru jista' jkun profondament trawmatiku għall-vittmi, u ħafna drabi dawn joqogħdu lura milli jirrappurtawhom minħabba l-biża' ta' riperkussjonijiet, ix-xewqa li jevitaw li jerġgħu jgħixu t-trawma tagħhom, jew dubji li r-rappurtar se jwassal għal azzjoni konkreta. Dawn it-tħassibiet jeħtieġu sensittività u appoġġ. Il-maniġers għandhom jibqgħu attenti għal kwalunkwe sinjal li jista' jindika li impjegat qed jiġi affettwat minn vjolenza abbażi tal-ġeneru. Minħabba li dawn l-esperjenzi huma profondament personali, is-sinjali jistgħu jvarjaw minn persuna għal oħra.



**Is-sinjali jistgħu jinkludu:**

• **Prestazzjoni**

- Tnaqqis mhux spjegat fil-kwalità tax-xogħol.
- Rifjut li jipparteċipa f'opportunitajiet ta' żvilupp professjonali jew taħriġ.
- Involviment imnaqqas fil-laqgħat tat-tim.
- Nuqqas ta' impenn f'chats online, jew status frekwenti offline.
- Sinjali viżibbli ta' skumdità jew tensjoni waqt il-laqgħat.

• **Attendenza**

- Tasal b'mod regolari tard jew titlaq kmieni.
- Tasal kmieni jew tibqa' tard fuq il-post tax-xogħol mingħajr raġuni ċara.
- Żieda fil-frekwenza tal-assenzi.

• **Imġiba**

- Tevita spazji jew attivitajiet soċjali u titbiegħed minn mezzi ta' appoġġ bħaċ-chats tat-tim jew laqgħat informali.
- Titlef il-fiduċja fiha nnifisha u tħoss skumdità madwar ċerti kollegi.
- Turi livelli ogħla ta' ansjetà, distrazzjoni u diffikultà biex tikkonċentra.
- Turi sinjali ta' stress u ssir faċilment megħluba jew allarmata.

• **Fiżiċi**

- Bidliet fid-dehra personali.
- Sensazzjonijiet ta' għeja jew eżawriment.
- Żieda fit-tensjoni fiżika.
- Attakki ta' paniku.
- Disturbi fl-irqad jew fl-ikel, jew it-tnejn li huma.
- Użu ħażin ta' sustanzi jew dipendenza minnhom, jew it-tnejn li huma.
- Awtolesjoni jew attentati ta' suwiċidju, jew it-tnejn li huma.

***Dawn is-sinjali mhumiex prova li persuna qed tesperjenza vjolenza abbażi tal-ġeneru u qatt m'għandhom jintużaw biex isiru suppożizzjonijiet jew biex impjegat jiġi kkonfrontat. Ir-rwol tal-maniġer huwa li jinnota bidliet fl-imġiba jew fiċ-ċirkostanzi u joffri appoġġ, mhux li jagħmel dijanjosi ta' abbuż.***



# Rakkomandazzjonijiet li l-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta Tħeġġeġ lill-Intrapriżi Lokali Jikkunsidraw u Jimplimentaw biex Jindirizzaw il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru

Filwaqt li tibni fuq ir-riċerka u l-aħjar prattiki stabbiliti, il-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta fasslet ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin biex l-intrapriżi lokali jikkunsidrawhom fil-politiki u l-proċeduri organizzattivi tagħhom. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom iservu bħala gwida biex jissaħħu l-prattiki interni, aktar milli bħala test preskrittiv. Hekk kif il-leġiżlazzjoni tkompli tevolvi u joħorġu sfidi ġodda, b'mod partikolari fil-qasam tal-vjolenza diġitali abbażi tal-ġeneru (GBV), min iħaddem għandu jżomm ċertu flessibbiltà fil-politiki tiegħu biex jiżgura appoġġ effettiv għall-impjegati affettwati mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Sabiex jgħinu lil min iħaddem jgħaddi mill-gwida għall-azzjoni konkreta, huwa rakkomandat li jibda b'lista sempliċi ta' verifika:

- Irrevedi l-politiki eżistenti tal-post tax-xogħol sabiex jiġi vverifikat jekk jindirizzawx il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza diġitali abbażi tal-ġeneru (digital GBV).
- Fejn ikun possibbli, innomina persuna responsabbli jew punt ta' kuntatt intern iddedikat għall-GBV, li jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri u mit-tweġiba għal mistoqsijiet relatati.
- Ikkomunika lill-ħaddiema kollha l-impenn tal-organizzazzjoni għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-proċeduri aġġornati ta' rappurtar.
- Identifika u aġġorna l-mekkaniżmi ta' rappurtar, filwaqt li tiżgura li dawn ikunu aċċessibbli u kunfidenzjali.
- Żgura li l-maniġers u s-superviżuri jkunu konxji tar-riskji u r-realtajiet marbuta mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru kif ukoll tar-rispons mistenni min-naħa tagħhom.

Pereżempju, kumpanija tista' tibda billi twaqqaf grupp żgħir intern ta' ħidma biex jirrevedi l-politiki attwali, jidentifika lakuni relatati mal-fastidju diġitali, u jabbozza pjan inizjali ta' azzjoni għall-approvazzjoni tal-maniġment. It-teħid ta' dawn il-passi inizjali jista' joħloq il-pedament għal rispons aktar komprensiv u effettiv.

# Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru fuq il-Post tax-Xogħol

- Jiġi żgurat li l-kodiċi ta' kondotta jiġi rivedut u aġġornat regolarment biex jindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-użu ħażin tat-teknoloġija u mġiba mhux aċċettabbli fuq il-post tax-xogħol. Dan għandu jinkludi definizzjonijiet komprensivi u eżempji ta' mġiba pprojbita, kif ukoll gwida ċara dwar kif għandhom jiġu interpretati tipi differenti ta' mġiba, b'mod partikolari fid-dawl tad-dinamika tal-poter bejn membri tal-persunal f'livelli differenti ta' anzjanità. Il-kodiċijiet kollha ta' kondotta u l-proċeduri relatati għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti legali fis-seħħ u jirriflettu l-aħjar prattiki stabbiliti.
- Tiġi stabbilita politika dettaljata ta' rappurtar li tispjega kif il-membri kollha tal-organizzazzjoni jistgħu jirrapportaw każijiet ta' fastidju sesswali, kemm jekk bħala vittmi kif ukoll bħala xhieda. Din għandha tinkludi mezzi ċari, viżibbli u robusti ta' rappurtar. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jindirizzaw ostakli għar-rappurtar, inkluż it-tħassib li rapporti jistgħu ma jittiħdux bis-serjetà, u għandhom jiċċaraw kif rapporti anonimi se jiġu investigati. Il-ħolqien ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri u aċċessibbli, bħal għodod ta' rappurtar anonimu jew sistema ta' rappurtar kunfidenzjali, jista' jgħin lill-impjegati jqajmu tħassib mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni. Huwa importanti li l-politika tiżgura li vittmi jew xhieda potenzjali ta' fastidju ma jiġux skoraġġuti milli jirrapportaw inċidenti. Madankollu, l-anonimità tista' tillimita l-kapaċità tal-organizzazzjoni li tinvestiga u tivverifika l-allegazzjonijiet.
- Fejn ikun possibbli, jiġu ffaċilitati arranġamenti temporanji fuq il-post tax-xogħol biex tiġi protetta l-vittma, speċjalment matul l-istadju inizjali tar-rappurtar.
- Il-politika ta' investigazzjoni għandha tistabbilixxi informazzjoni ċara u faċli biex tinftiehem għall-membri kollha tal-persunal dwar il-proċess ta' investigazzjoni u teħid tad-deċiżjonijiet, inklużi l-perjodi ta' żmien relatati. Il-politika għandha tiżgura li kwalunkwe investigazzjoni tkun indipendenti u ġusta. Għandha wkoll tiċċara l-firxa ta' miżuri li jistgħu jirriżultaw mill-investigazzjoni, kif ukoll tipprovdi informazzjoni dwar il-proċessi ta' appell u kif dawn jistgħu jiġu aċċessati. Il-mekkaniżmi ta' investigazzjoni interna m'għandhomx jipprevjenu lill-organizzazzjoni milli tirrapporta kwalunkwe inċident lill-awtoritajiet kompetenti, u lanqas ma għandhom idewmu tali rappurtar, b'mod partikolari meta jkun hemm riskju immedjat ta' ħsara psikoloġika jew fiżika. Kwalunkwe investigazzjoni interna għandha tkun immexxija minn persunal imħarreġ apposta.
- Id-dipartiment tar-Riżorsi Umani (HR) jista' jimplimenta miżuri ta' appoġġ għall-vittmi u, fejn ma jkunx hemm appoġġ disponibbli internament, jipprovdi lill-vittmi jew lix-xhieda b'informazzjoni dwar l-appoġġ disponibbli permezz ta' organizzazzjonijiet esterni, bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs). Dan l-appoġġ m'għandux jiġi pospost, u d-dipartimenti tal-HR għandhom ikollhom l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jiggwidaw lill-vittmi lejn is-servizzi ta' appoġġ disponibbli.
- Miżuri dixxiplinarji implimentati fil-livell organizzattiv għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti legali nazzjonali sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kontestazzjonijiet legali għal raġunijiet proċedurali.

- Tiġi adottata u kkomunikata politika ta' tolleranza żero lejn il-fastidju, l-intimidazzjoni, il-miżoġinija, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza.
- Programmi edukattivi interni dwar il-fastidju sesswali u l-fastidju abbażi tal-ġeneru jistgħu jgħinu biex jipprevjenu l-okkorrenza tagħhom jew jinkoraġġixxu lill-vittmi jirrapportawhom. Għandha tingħata enfasi partikolari lill-edukazzjoni tas-superviżuri u tal-persunal f'karigi maniġerjali biex tiġi enfasizzata mhux biss in-natura tar-riskji u l-importanza li tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, iżda wkoll il-proċeduri interni fis-seħħ. Dawn għandhom ukoll jiġu mħarrġa dwar l-importanza li jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sigur.
- Tiġi promossa kultura ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol, ibbażata fuq ir-rispett lejn il-kollegi. Il-maniġers u s-superviżuri għandhom jifhmu l-kunċett tan-normalizzazzjoni tad-devjanza (*normalisation of deviance*), proċess soċjali fejn imġiba ħażina, mhux sigura jew mhux etika gradwalment tibda titqies bħala normali u aċċettabbli.
- Min iħaddem għandu jiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet legali kollha li għandhom l-għan li jiggarantixxu post tax-xogħol ħieles mill-vjolenza, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni. Is-salvagwardja ta' dawn l-istandards mhux biss tgħin biex jinżammu l-impjegati eżistenti, iżda tgħin ukoll biex jiġu attirati impjegati ġodda.



## Meta Impjegat ikun Vittma ta’ Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru, iżda l-Persuna li Twettaq il-Vjolenza Ma Tkunx Impjegata

- Min iħaddem ma għandux ġurisdizzjoni fuq persuna li twettaq atti ta’ vjolenza kontra impjegat (pereżempju sieħeb jew eks-sieħeb), anke jekk l-abbuż iseħħ waqt li l-impjegat ikun qed jaħdem mid-dar. Dan jillimita l-kamp ta’ influwenza ta’ min iħaddem fil-kuntest ta’ proċeduri dixxiplinarji interni.
- Minkejja dan, min iħaddem jista’ jassisti jekk impjegat jafda lis-superjur tiegħu jew lil xi kollega ieħor li qed isofri minn vjolenza abbażi tal-ġeneru barra mill-post tax-xogħol. Is-servizzi rilevanti ta’ appoġġ interni għandhom xorta japplikaw u, fejn u kif ikun possibbli, jgħinu lill-impjegat permezz ta’ arranġamenti speċjali.
- Huwa importanti li jkun hemm għarfien dwar forom possibbli ta’ fastidju, inkluż monitoraġġ jew kontroll iffaċilitat mit-teknoloġija, stalking, kuntatt mhux mixtieq fuq il-post tax-xogħol, u użu ħażin ta’ informazzjoni relatata max-xogħol. Pereżempju, sieħeb abbużiv jista’ jċempel lill-impjegat ripetutament fuq il-post tax-xogħol, juża kontijiet kondiviżi, isegwi apparat elettroniku, jew jipprova jikseb informazzjoni dwar l-iskeda tax-xogħol tal-impjegat.
- Min iħaddem għandu jappoġġja lill-vittma biex tfittex l-appoġġ rilevanti disponibbli minn organizzazzjonijiet terzi u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- Sabiex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sigur, min iħaddem għandu jipprevjeni lill-persuna li twettaq il-vjolenza, li mhijiex impjegata tal-organizzazzjoni, milli tidħol fil-binjiet tal-kumpanija, fl-uffiċini jew f’faċilitajiet oħra tal-organizzazzjoni. Fejn ikun possibbli, it-timijiet tas-sigurtà għandhom jiġu infurmati dwar ir-riskju għoli ta’ tali intrużjonijiet potenzjali.
- Min iħaddem huwa mħeġġeġ jipprovdi taħriġ lis-superviżuri u lill-maniġers sabiex jagħrfu sinjali ta’ abbuż, speċjalment f’każijiet fejn impjegat ma jirrapportax l-esperjenza tiegħu, u biex jirreaġixxu b’empatija, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija u l-kunfidenzjalità tas-superstiti.
- Il-persunal tas-servizz tal-konsumatur jista’ wkoll ikun f’riskju ta’ vjolenza abbażi tal-ġeneru, partikolarment minħabba kummenti mhux mixtieqa minn klijenti. Min iħaddem għandu jikkomunika b’mod ċar politika ta’ tolleranza żero kemm lill-klijenti kif ukoll lill-impjegati, sabiex l-impjegati jkollhom il-fiduċja li l-organizzazzjoni se tappoġġjahom. Fejn ikun possibbli, għandhom jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju biex jiġu identifikati dawk ir-rwoli li jistgħu jesponu lill-ħaddiema għal vjolenza abbażi tal-ġeneru minn terzi persuni, bħal klijenti. Fuq il-bażi ta’ dawn il-valutazzjonijiet, għandhom jiġu implimentati miżuri preventivi xierqa. Is-superviżuri għandhom ukoll jiġu mħarrġa biex jirreaġixxu b’mod adegwat jekk jindunaw li impjegat qed jesperjenza fastidju.

## Rakkomandazzjonijiet Ġenerali Relatati ma' Deepfakes u l-Vjolenza Diġitali Abbażi tal-Ġeneru (GBV)

- Kull persuna tista' potenzjalment tkun fil-mira ta' deepfakes sesswalment espliċiti jew ta' media sintetika, irrispettivament mill-ġeneru, l-età jew l-okkupazzjoni tagħha. Għalhekk, fejn ikun possibbli, in-negozji għandhom jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet li jiffukaw fuq is-sigurtà online u l-appoġġ lill-vittmi sabiex iqajmu kuxjenza dwar dawn ir-riskji.
- Il-postijiet tax-xogħol għandhom jaġġornaw il-politika tagħhom dwar il-fastidju sesswali sabiex jinkludu l-pornografija maħluqa permezz ta' deepfakes fost it-tipi ta' fastidju sesswali elenkati. Dan għandu jinkludi wkoll il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta impjegati jkunu akkużati li ħolqu tali vidjows jew immaġnijiet. Il-vjolenza u l-fastidju online jew iffaċilitati mit-teknoloġija għandhom jiġu inklużi b'mod espliċitu fil-politiki tal-post tax-xogħol.
- Tiġi implimentata Politika Separata dwar l-Użu Aċċettabbli tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI Acceptable Use Policy) li tirregola l-użu tal-għodod tal-IA mill-impjegati kemm fuq is-sistemi tal-kumpanija kif ukoll fuq apparat personali fejn tali użu jista' jkollu impatt fuq il-post tax-xogħol. Il-politika għandha tiddefinixxi b'mod ċar x'inhu permess, x'inhu pprojbit, u x'inhuma l-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità.
- Fejn ikun possibbli, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri biex jiġu dokumentati u ppreservati b'mod xieraq evidenza diġitali minn apparat relatat max-xogħol meta dan jintalab minn awtoritajiet investigattivi.
- Il-maniġers u s-superviżuri għandhom jiġu mħarrġa biex jagħrfu li l-fastidju ġġenerat permezz tal-intelliġenza artifiċjali huwa fastidju reali. Għandhom ikunu mħarrġa biex jagħrfuh, jirrapportawh u jeskalawh kif meħtieġ. Nuqqas ta' reazzjoni adegwata għal fastidju ġġenerat mill-IA li jkun ġie rrappurtat jew osservat bejn kollegi fuq il-post tax-xogħol jista' jesponi lill-organizzazzjoni għal konsegwenzi legali, regolatorji, reputazzjonali jew oħrajn, skont iċ-ċirkostanzi u l-liġi applikabbli.
- Sabiex dawn il-politiki jibqgħu effettivi, għandhom jiġu implimentati metodi sempliċi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Pereżempju, jistgħu jsiru regolarment stħarriġ anonimu fost il-persunal biex jiġi evalwat il-livell ta' għarfien dwar il-proċeduri ta' rappurtar u l-fiduċja fil-proċess ta' rispons. Għandu wkoll jiġi segwit in-numru u t-tipi ta' inċidenti rrappurtati u jinġabar feedback dwar ir-riżultati tagħhom. Dan l-approċċ jippermetti lit-tmexxija tidentifika nuqqasijiet, timmonitorja x-xejriet emerġenti u tkompli ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politiki.
- Għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rappurtar sabiex l-impjegati jkunu jistgħu jirrapportaw fastidju ġġenerat permezz tal-intelliġenza artifiċjali. Meta jsir rapport, dan għandu jiġi investigat mingħajr dewmien u d-dokumentazzjoni rilevanti għandha tinżamm b'mod dettaljat. L-adegwatezza tar-rispons u tal-proċedura adottata tista' tkun element ċentrali fi kwalunkwe proċediment legali sussegwenti.

- Hekk kif jiġu implimentati leġiżlazzjonijiet ġodda tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali, min iħaddem għandu jibqa' aġġornat dwar il-proposti leġiżlattivi, jikkontribwixxi għad-diskussjoni fejn rilevanti, u jiżgura konformità sħiħa ladarba dawn jidħlu fis-seħħ.
- Min iħaddem għandu jagħraf u jifhem ir-riskji potenzjali tat-teknoloġiji moderni, bħall-ġestjoni permezz tal-intelliġenza artifiċjali jew it-teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiċi, li jistgħu jipperpetwaw il-vjolenza fuq il-post tax-xogħol. Għandu jiġi żgurat li dawn is-sistemi ma jsaħħux il-preġudizzji relatati mal-ġeneru u li ċerti għodod, bħall-għodod ta' sorveljanza, ma jintużawx minn ċerti utenti b'mod li jikkostitwixxi fastidju u jwassal għal sorveljanza diġitali invażiva ħafna u potenzjalment diskriminatorja.

***Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija sfida li taffettwa lis-soċjetà kollha, u l-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta tħeġġeġ lill-intrapriżi lokali jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u biex jinkludu dan is-suġġett fl-inizjattivi tagħhom ta' Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR).***



## Leġiżlazzjoni Nazzjonali

Kif diġà ġie indikat fir-rakkomandazzjonijiet, huwa importanti li min iħaddem ikun konxju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, speċjalment dik li timponi obbligi fuqu. Min iħaddem huwa mħeġġeġ jiżgura konformità ma' tali leġiżlazzjoni u, fejn ikun possibbli, jinkludi referenzi għaliha fil-politiki interni tiegħu. Barra minn hekk, kull meta jiġu proposti liġijiet ġodda jew emendi leġiżlattivi, min iħaddem għandu jkun konxju ta' dawn il-proposti sabiex ikun jista' jagħti l-kontribut tiegħu u jiżgura li kwalunkwe proposta leġiżlattiva tkun tista' tiġi implimentata fil-prattika u ma tinkludix miżuri mhux realistiċi.

### Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452)

**Artikolu 29**

(1) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidju lil impjegat ieħor jew jagħti fastidju lill-prinċipal billi jassoġġetta lil dik il-persuna għal kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, lirigward dik il-persuna huma bbażati fuq diskriminazzjoni sesswaliu li jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umilijanti uintimidatorji lejn dik il-persuna.

(2) L-ebda prinċipal jew impjegat ma jista' jagħti fastidjusesswalment lil impjegat ieħor jew lill-prinċipal (hawnhekk iżjed'il quddiem f'dan l-artikolu imsejħa "l-vittma") billi -

(a) jassoġġetta l-vittma għal att ta' intimità fiżika; jew

(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew

(ċ) jassoġġetta l-vittma għal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor, fejn –

(i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mill-vittma u jistgħu raġonevolment jiqiesu bħala offensivi, umiljanti jew intimidatorji lejn il-vittma;

(ii) il-vittma tiġi ttrattata b'mod differenti, jew jista'raġonevolment jiġi antiċipat li l-vittma tista' tiġihekk trattata, bħala riżultat tat-tiċħid jew is-sottomissjoni tagħha għal dak l-att, dik it-talba jew dik il-kondotta.

**Artikolu 29A**

(1) Il-vjolenza u l-fastidju f'ambjent ta' xogħol huma pprojbiti. Impjegati u prinċipali għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jirrispettaw id-dritt ta' xulxin fl-ambjent ta' xogħol ħieles mill-vjolenza u l-fastidju.

(3) L-ebda prinċipal jew impjegat ma għandu jaġixxi ma'impjegat, prinċipal jew impjegat ieħor, jew ma' impjegat prospettiv b'mod li hu ekwivalenti għal vjolenza u fastidju f'ambjent ta'xogħol. Tali azzjonijiet jistgħu jieħdu kwalunkwe forma, inkluż iżda mhux limitat għal talbiet, kondotta, imġiba jew interazzjoni, kemm jekk ikunu fiżiċi, remoti jew online, bil-fomm, bil-miktub, jew fi kwalunkwe mod ieħor, jew fi stampi jew kwalunkwe materjalieħor.

(4) L-ebda prinċipal jew impjegat ma għandu jagħti lok għal ċirkostanza jew joħloq ambjent li jippermetti jew jista' jippermetti vjolenza u fastidju f'ambjent ta' xogħol jew iwassal impjegat, prinċipal, impjegat ieħor jew impjegat prospettiv sabiex iħossuhom skomdi jew intimidati jew f'atmosfera offensiva jew abbużiva jewli d-dritt tagħhom f'ambjent ta' xogħol ħieles mill-vjolenza u l-fastidju jkun qed jinkiser.

## Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Il-Konvenzjoni ta' Istanbul)

Il-Konvenzjoni ta' Istanbul hija l-aktar trattat internazzjonali vinkolanti komprensiv li jindirizza l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Hija tirrikonoxxi l-vjolenza kontra n-nisa bħala forma ta' diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Konvenzjoni ssejjaħ lill-pajjiżi biex jindirizzaw b'mod effettiv il-fastidju sesswali u biex jipprovdu miżuri ta' appoġġ lill-vittmi, fost affarijiet oħra. Filwaqt li l-Konvenzjoni hija legalment vinkolanti għall-Istat, hija tirrikonoxxi wkoll ir-rwol ta' partijiet interessati oħra.

Fil-fatt, Artikolu 17 – Parteċipazzjoni tas-settur privat u tal-midja jgħid:

"Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lis-settur privat, lis-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u lill-midja, b'rispett dovut lejn il-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tagħhom, sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politiki u jistabbilixxu linji gwida u standards ta' awtoregolamentazzjoni biex jipprevjenu l-vjolenza kontra n-nisa u jsaħħu r-rispett lejn id-dinjità tagħhom.

Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw u jippromwovu, f'kooperazzjoni mal-atturi tas-settur privat, ħiliet fost it-tfal, il-ġenituri u l-edukaturi dwar kif għandhom jittrattaw l-ambjent tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jipprovdi aċċess għal kontenut degradanti ta' natura sesswali jew vjolenti li jista' jkun ta' ħsara."

## Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-Ġlieda kontra l-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tindirizza speċifikament il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Hija tistabbilixxi regoli minimi għall-kriminalizzazzjoni ta' ċerti forom ta'

vjolenza, issaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, l-appoġġ u l-aċċess għall-ġustizzja, u tippromwovi miżuri koordinati ta' prevenzjoni fost l-Istati Membri.

Id-Direttiva tirrikonoxxi li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru tista' taffettwa l-parteċipazzjoni tal-vittmi fl-impjieg u l-indipendenza ekonomika tagħhom. Għalkemm ma timponix obbligi diretti fuq min iħaddem, hija tħeġġeġ rispons istituzzjonali koordinat li jinkludi wkoll il-postijiet tax-xogħol, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ lill-vittmi u l-indirizzar tal-fastidju sesswali fejn rilevanti. Kwalunkwe obbligu speċifiku għal min iħaddem jirriżulta prinċipalment mill-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva u mill-interazzjoni tagħha mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza.

## Direttiva 2006/54/KE dwar Opportunitajiet Ugwali u Trattament Ugwali bejn l-Irġiel u n-Nisa fi Kwistjonijiet ta' Impjieg u Okkupazzjoni

Din id-Direttiva tikkonsolida r-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg. Hija tiddefinixxi l-fastidju u l-fastidju sesswali bħala forom ta' diskriminazzjoni sesswali pprojbiti skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fuq il-post tax-xogħol, hija teħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu tali mġiba u jipprovdu rimedji legali effettivi. Filwaqt li d-Direttiva ma tobbligax direttament lil min iħaddem jadotta politiki speċifiċi fuq il-post tax-xogħol, hija titlob lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lil min iħaddem jieħu miżuri preventivi, inkluż sensibilizzazzjoni u proċeduri biex jipprevjenu l-fastidju u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

## Direttiva 89/391/KEE dwar l-Introduzzjoni ta' Miżuri biex Jitħeġġu Titjib fis-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema fuq il-Post tax-Xogħol

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Għalkemm ma tindirizzax speċifikament il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-obbligu ġenerali tagħha li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ħaddiema jinkludi wkoll il-ġestjoni ta' riskji psikosoċjali li jistgħu jirriżultaw minn vjolenza jew fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Min iħaddem huwa legalment obbligat:

- jivvaluta r-riskji fuq il-post tax-xogħol;
- jimplimenta miżuri preventivi;
- jipprovdi informazzjoni u taħriġ;
- u jiżgura ambjent tax-xogħol sigur.

Dawn l-obbligi jipprovdu bażi legali importanti għall-indirizzar tal-vjolenza fuq il-post tax-xogħol, inkluża l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fejn din toħloq riskji għas-saħħa u s-sigurtà.

# Każijiet Reali

## L-ewwel każ

F’April 2026, il-BBC irrapporta li l-istudenti fl-iskejjel Skoċċiżi qegħdin dejjem aktar jużaw l-intelliġenza artifiċjali biex jiġġeneraw immaġnijiet deepfake sesswali u vjolenti tal-għalliema tagħhom, li mbagħad jiġu ċċirkolati b’mod wiesa’ fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali. Dan spiss jibda bħala tentattiv żbaljat ta’ umoriżmu qabel ma jeskala malajr f’forma aktar serja u mmirata ta’ fastidju, fejn l-immaġini tal-vittmi jiddaħħlu f’filmati pornografiċi. Il-faċilità li biha tista’ tiġi kkawżata din il-ħsara profonda hija partikolarment allarmanti. Kif jenfasizzaw uffiċjali tal-unions tal-għalliema, min iwettaq dawn l-atti jeħtieġ biss sett bażiku ta’ struzzjonijiet u ritratt wieħed biex idaħħal l-immaġni ta’ vittma f’film pornografiku.

Peress li dawn l-għodod qawwija huma tant aċċessibbli u spiss jintużaw barra mill-ħinijiet tal-iskola, is-sitwazzjoni ġiet deskritta bħala ‘open season’ fuq l-edukaturi, fejn l-istudenti jħossu li jistgħu jwettqu dawn l-atti mingħajr ebda ‘comeback’ jew konsegwenza. L-effett psikoloġiku fuq dawn il-ħaddiema huwa devastanti. Il-BBC jenfasizza li għadd ta’ għalliema kellhom jieħdu leave minħabba mard, minħabba li ma setgħux ilaħħqu mal-umiljazzjoni li jixterdu immaġnijiet degradanti bħal dawn fl-iskejjel tagħhom kollha. F’każijiet speċifiċi, il-vittmi sabuha ‘intollerabbli’ li jirritornaw fuq il-post tax-xogħol tagħhom wara li ġew sesswalizzati u umiljati quddiem il-korp studentesk kollu. Din il-forma ta’ vjolenza diġitali, skont ir-rapporti, qiegħda timbotta lil uħud mill-membri tal-persunal ‘over the edge’, u toħloq ambjent tossiku fejn in-nuqqas ta’ limiti jwassal għal kriżijiet serji ta’ saħħa mentali u għall-possibbiltà li xi wħud jabbandunaw il-karriera tagħhom fit-tagħlim.

## It-tieni każ

Fil-belt Spanjola ta' Almendralejo, numru ta' tfajliet bejn 11 u 17-il sena kienu vittmi ta' immaġnijiet manipulati bl-intelliġenza artifiċjali li nħolqu minn ritratti tagħhom meħuda mill-midja soċjali. Omm rrakkuntat kif bintha skopriet li kienu qed jiċċirkolaw immaġnijiet foloz tagħha. Dawn il-każijiet jistgħu jikkawżaw ħsara lir-reputazzjoni tal-vittmi, trawma emozzjonali u aktar fastidju fil-ħajja ta' kuljum, anke meta l-immaġnijiet ikunu kompletament foloz.

Hawn taħt tinsab lista ta' entitajiet u organizzazzjonijiet li jistgħu joffru s-servizzi/appoġġ tagħhom [Lista miġbura Ottubru 2026]:

| | | |
|---|---|---|
| **Police Gender-Based & Domestic Violence Unit**<br><br>22942717<br>22942777<br>gbdv.police@gov.mt | **Migrants Commission**<br><br>21222644<br>info@migrants.mt<br>https://migrants.mt/refer | **National Victim Support Line For Victims Of Crime-Malta**<br><br>21228333<br>info@victimsupport.org.mt |
| **Police Crime Stop Number**<br><br>119 | **Police Emergency Number**<br><br>112 | **Dar Emmaus**<br><br>21552390 |
| **Legal Aid Malta Agency**<br><br>22471500<br>info.legalaidmalta@gov.mt | **Aġenzija Appoġġ**<br><br>22959000<br>appogg@gov.mt | **Rainbow Support Service (LGBTIQ+)**<br><br>79430006<br>support@maltagayrights.org |
| **National Support Line**<br><br>179 | **Fondazzjoni Dar Il-Hena**<br><br>27888211 | **Dar Merħba Bik**<br><br>21440035 |
| **Mental Health Services (Psychology)**<br><br>23304313 | **Women's Rights Foundation**<br><br>80062149<br>info@wrf.org.mt | **Victim Support Malta**<br><br>21228333<br>info@victimsupport.org.mt |
| **Dar Santa Bakhita**<br><br>27444676 | **Soar Support Group**<br><br>21808981<br>info@antidemalta.org | **YMCA**<br><br>27674278<br>info@ymcamalta.org |

| | |
|---|---|
| **Child Protection Services (FSWS)**<br><br>22588900<br>https://fsws.gov.mt/mt/pages/ReportAbuse | **Victim Support Agency**<br><br>25689700<br>victimsupport.police@gov.mt |
| **Aġenzija Appoġġ Revenge Porn Helpline** is at right; **Social Work Unit Gozo**<br><br>22156630<br>socialworkunit.mgoz@gov.mt | **Aġenzija Appoġġ Revenge Porn Helpline**<br><br>1779 |

Din il-pubblikazzjoni ġiet iffinanzjata mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika permezz tal-programm Together We Empower.

Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi f'din il-pubblikazzjoni huma dawk tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu l-politika jew il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika.